MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 1208/2013

**FAIR TRADING LIMITED (C44369)**

**vs**

**GREEN MT LIMITED (C42136)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrent Green MT Limited datat l-20 ta' Dicembru 2013 li bih talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet hemm imsemmija tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju premess billi mhuwiex *prima facie* gustifikat u li c-cirkostanzi huma tali li m'huwiex ragjonevoli li jibqa' fis-sehh.

Rat id-Digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2013 li permezz tal-istess ordnat lir-rikorrent sabiex jesebixxi kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1914/13 LSO u ordnat in-notifika tal-kontroparti b'sebat (7) ijiem zmien ghat-twegiba, kif ukoll appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal nhar l-14 ta' Jannar 2014.

Rat id-dokument esebit.

Rat ir-risposta tal-intimat ezekutanti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2014 fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru Dr. Jean Carl Farrugia ghas-socjeta` rikorrent u Dr. Joanne Vella Cuschieri ghas-socjeta` intimata.

Rat l-atti, semghet lid-difensuri tal-partijiet u ddifferiet ir-rikors ghal digriet finali ghas-6 ta' Frar 2014.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li nhareg kontrih fl-ismijiet fuq citati fit-18 ta' Dicembru 2013 fl-ammont ta' €300,000 bhala "*ammont dovut skont ftehim bil-miktub u danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza bi ksur tal-istess ftehim bejn il-partijiet datat il-15 ta' Ottubru 2013."*

Is-socjeta` rikorrenti invokat l-artikolu **836(1)(d) u (f) tal-Kap.12** bhala kawzali ghat-talbiet taghha.

Il-fatti fis-succint huma s-segwenti. Is-socjeta' esponenti hija *Skema Nazzjonali Awtorizzata* mill-MEPA bhala awtorita' kompetenti ghall-fini tat-tbattil u gbir tal-iskart riciklabbli minn *bring in sites* li jinstabu fil-Kunsilli Lokali ta' Malta u Ghawdex. Sabiex twettaq l-obbligi taghha, is-socjeta` rikorrenti tqabbad kuntratturi biex jaghmlu dan l-operat, fosthom is-socjeta' ezekutanti. Is-socjeta` rikorrenti ghamlet sejha ghall-offerti permezz ta' *tender* biex tottjeni l-ahjar prezz, izda s-socjeta` intimata, minnflok ma ghamlet offerta fit-*tendering process*, talbet il-

hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex twaqqaf l-ghotja tat-tender. Dan il-mandat gie michud b'decizjoni moghtija fil-5 ta' Dicembru 2013 (**Dok G2**) fejn din il-Qorti, kif diversament presjeduta irritenit li "*spetta lis-socjeta intimata (Green MT Ltd) li fil-liberta' tiddeciedi liema mill-offerti lilha sottoposti taghzel bhala l-aktar wahda favorevoli u vantaggjuza ghaliha*.*Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li s-socjeta' rikorrenti ma tista taghmel xejn fir-rigward hlief li tissubixxi d-decizjoni tas-socjeta' intimata fil-parametri pattwiti fl-istess sejha ghall-offerti."*

Il-pern tal-kwistjoni huwa ftehim li gie iffirmat fil-15 ta' Ottubru 2013 bejn il-kontendenti **(DOK G3**). Skont is-socjeta` rikorrenti, dan il-ftehim jirregola biss il-pagamenti li kienu gja dovuti u l-modalita` ta' hlas u ma jorbothiex li tkompli tuza s-servizzi tas-socjeta' intimata. Tghid ukoll li minhabba l-hrug tal-mandat ta' sekwestru ma setghetx taghmel il-pagamenti dovuti skont dan il-ftehim u f'kull kaz, il-bilanc rimanenti hu ferm inferjuri ghall-ammont kawtelat bil-mandat u jammonta komplessivament ghall €71,675.45[1].

L-ewwel punt issollevat mir-rikorrenti huwa li l-ftehim imsemmi fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ma giex esebit mis-socjeta' ezekutanti mar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru. Dan ghamlitu bi skop, tghid ir-rikorrenti odjerna, ghaliex tali ftehim ma jaghtix id-dritt vantat.

**Ikkonsidrat** li min iressaq talba *a tenur* tal-artikolu **836 (1) tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* ta' att kawtelatorju, hu obbligat li jsostni t-talba tieghu skont xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati fil-paragrafi (a) sa (f) tal-istess **Artikolu 836(1**).

Hu pacifiku li l-ezami li trid taghmel il-Qorti hu dak biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qieghda tistenna l-ezitu finali tal-kawza dwar il-

[1] Risposta a fol.6.

mertu. (Ara s-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***, datata 5 ta' Ġunju 2003).

Illi s-socjeta` rikorrenti mhix qed titlob it-tnaqqis tal-mandat imma r-revoka fis-shih tieghu.

i) Illi l-ewwel subartikolu ċitat mir-rikorrenti bħala raġuni għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat huwa **836(1)(d)**, li jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn *"jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"*;

Illi fis-sentenza "***Av. Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services et.***" datata s-26 ta' April tas-sena 2002, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

*"Skont l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed 'prima facie' u l-Qorti m'għandhiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant"*;

Illi l-Prim'Awla tkellmet b'iktar preċiżjoni dwar is-subartikolu 836(1)(d) fil-kaz fl-ismijiet "***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea***" tad-29 ta' Lulju 2005:

*"L-**artikolu 836(1)(d)** jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-*

*pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti.*

*Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat".*

*Inoltre* kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta "*Ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skont il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat.*" ***"Taormina Holdings Ltd v Biochemicals International Ltd."*** (PA GCD - dec. fit-30 ta' Ottubru 2003).

**- <u>Jekk it-talba hija gustifikata *prima facie.*</u>**

Is-socjeta` intimata fir-risposta taghha spjegat li talbet il-mandat impunjat fuq bazi tal-allegat ksur tal-obbligazzjonijiet da parti tas-socjeta` ezekutata naxxenti mill-ftehim **DOK G3** tal-15 ta' Ottubru 2013.

Din il-Qorti ezaminat dan il-ftehim intestat ***Memorandum of Understanding*** (fol.18). Fl-ewwel tliet klawsoli, dan il-ftehim jirregola pagamenti dovuti lis-socjeta` intimata ghal xoghol li twettaq bejn Ottubru 2012 u Settembru 2013 u l-modalita' tal-hlas relattiv.

Imbghad insibu l-klawsola 4 u 5 u jirrizulta hekk:

"4. *The parties refer to services provided by Fair Trading to Green MT Ltd. and hereby agree that <u>as from the 1st October 2013,</u> Fair Trading Limited will only effect collections from Bring in Sites on Monday, Tuesday, Wednesday and every alternate Saturday. There shall be no collection on Thursday of Friday."*(sottolinear tal-Qorti).

*"5. In the event that other contractors are given extra duties on additional days, then such additional duties will also be applied to Fair Trading Limited."*

Is-socjeta' rikorrenti ssostni li dan il-ftehim ma jobbligahiex biex tkompli tingagga lis-socjeta` Fair Trading Limited izda tirregola biss il-modalita` ta' hlas dovut.

Dan hu kkontestat mis-socjeta` ezekutanti li tqis li l-fatt li twaqqfet milli tkompli taghmel ix-xoghol jikkostitwixxi ksur tal-artikoli fuq citati tal-ftehim u li dan jintitolaha ghar-risarciment tad-danni.

Mill-kliem sottolineati, jirrizulta li l-kontraenti kienu qed jaqblu fuq kontinwazzjoni tar-relazzjonijiet kummercjali taghhom. Dwar l-ezistenza o meno tal-*fumus juris* misthoqq, din il-Qorti ser taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

i. Ma jirrisultax li s-socjeta' rikorrenti intrabtet b'terminu fiss biex tkompli taghti xoghol lis-socjeta' intimata.

ii. Hu pacifiku li min jaghti xoghol b'appalt jista' jtemm l-appalt unilateralment fid-diskrezzjoni tieghu (**art 1640 CC)**. Jekk jaghmel hekk minghajr raguni valida, irid ihallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma somma meqjusa mill-Qorti, skont ic-

cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qligh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt **(art 1640(2))**. F'kaz li jholl b'raguni valida, allura ihallas biss somma li ma teccedix l-ispejjez tal-appaltatur u l-valur tax-xoghol *ai termini* tal-**artikolu 1640(3).**

iii. Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti *in bona fede.*

Fid-dawl ta' dawn il-principji, l-Qorti tifhem li l-ftehim **DOK G3** ma jirregolax *sic et simpliciter* il-hlas ta' arretrati dovuti imma *mad-daqqa t'ghajn* irregolat il-mod kif is-servizzi gja provduti u l-pagament taghhom kellhom jigu regolati (pagamenti fi zmien 90 gurnata mid-data tal-fattura - klawsola 6 li hija l-ahhar klawsola tal-ftehim).

Madanakollu ma jirrizultax mill-ftehim *per se* li b'hekk gie mittiefes id-diskrezzjoni tal-appaltant, tant hu hekk li jista' ukoll jaghmel sejha ghat-*tenders* sabiex iqabbad lill-terzi li jaghtu l-ahjar offerta minghajr xkiel.

Din il-Qorti tifhem li f'dan l-istadju preliminari ma tistax torbot lill-ebda mill-partijiet b'xi interpretazzjoni tal-ftehim imsemmi, liema interpretazzjoni jolqot kwistjonijiet ta' mertu izda anke f'dan l-istadju preliminari, jenhtieg li l-jedd li l-ezekutant qed jistrieh fuqu jigi muri fuq bazi *prima facie.*

Il-Qorti ma taqbilx li irnexxielu jaghmel dan. B'hekk ma jfissirx li ezami iktar approfondit ma jistax iwassal ghall-konvinzjoni kontrarja. Dan jispetta lill-Qorti kompetenti fl-istadju kontenzjus izda l-ftehim hu wisq vag biex joffri dak il-konfort mehtieg ghall-kreditur ezekutant anke f'dan l-istadju bikri tal-kaz.

**<u>Eccessivita`</u>**

Izda anke li kieku wiehed kellu jaccetta li l-intimat irnexxielu jipprova l-jedd tieghu *prima facie*, fil-fehma tal-Qorti l-valur likwidat fil-mandat hu manifestament eccessiv fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula.

L-intimat talab il-hrug tal-mandat *de quo agitur* biex jikkawtela valur ta' €300,000 li, skont ir-risposta tieghuipprezentata fl-10 ta' Jannar 2014, "*tirrifletti t-telf li sofra l-esponenti u d-danni li ghadu qieghed isofri u li finalment huwa ferm probabbli li ser jammontaw ghal ferm aktar minn din is-somma."*

Skont l-istess socjeta` intimata "*ix-xoghol indikat fil-klawsoli (4) u (5) tal-Ftehim tal-15 ta' Ottubru 2013 kien irendi lis-socjeta` esponenti introjtu approssimattiv ta' madwar €10,000 fix-xahar, cioe` madwar €120,000 fis-sena."*

Aparti li mhux spjegat jekk dan id-*"dhul"* huwiex nett jew *gross,* dan l-argument ma jreggix meta s-socjeta` intimata naqqset milli turi anke fuq bazi *prima facie* xi forma ta' rabta kontrattwali ghall-perjodu kopert mill-kalkolu taghha.

Huwa minnu li ghandha tiehu mqarr €71,675.45 f'arretrati, izda gie ppruvat li s-socjeta` rikorrenti kienet qed thallas id-debiti taghha regolarment sakemm giet imwaqqfa, b'effett tal-mandat stess fuq id-disponibbilta' tad-depoziti bankarji taghha.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-ammont ta' €300,000 ikkalkolat bhala danni jirrizulta eccessiv u grossolan .

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti abbazi tal-artikolu 836(1)(d) ghandha tigi milqugha.

ii) Is-socjeta` rikorrenti tinvoka wkoll l-artikolu **836(1) (f) tal-Kap.12** bhala raguni ghat-talbiet taghha**.** Dan is-subartikolu 836(1)(f) jghid li *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*. "*Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghadhiex tezisti." (*"***Fenech noe v Spiteri et. noe***" fuq citat*).*

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas jew likwidazzjoni fl-ammont minnhom pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[2].

Illi sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-Mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat *stante* li minn kliem il-liġi stess joħroġ ċar li hemm bzonn bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-Mandat. "*Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ.*" (***"Francis Spiteri et v Charles Darmanin et."*** - PA (JRM) - dec. fil-25 ta' Ottubru 2010) F'din il-kawza l-Qorti ssoktat "*Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*"

Illi tant hu hekk li fis-sentenza suċċitata fl-ismijiet "***Stanley vs Galea"*** il-Qorti fl-analiżi tagħha tas-subartikolu **836(1)(f)** reġgħet iċċitat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Mandat:

*"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu".*

[2] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Jirrizulta mis-suespost u mit-trattazjoni li s-socjeta rikorrenti irnexxielha tipprova, fuq basi *prima facie*, li l-hrug tal-mandat ma kienx gustifikabbli u ghalhekk anke din ir-raguni hija sostanzjata .

Il-Qorti ghal dawn il-motivi, hi tal-fehma li jissusistu r-ragunijiet dedotti a bazi tal-artikolu 836(1)(d) u (f), u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet taghha qed tilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors odjern.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li **tirrespingi** r-ragunjiet dedotti mis-socjeta` intimata ezekutanti, **Tilqa'** it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti *stante* li huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura a karigu tal-istess socjeta` intimata.

**Moqri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------